MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Rikors Numru. 36/2003/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Maria Spiteri, Giovanna Zammit, Carmen Meilak, Rosina Farrugia, Emmanuel Attard, Charmaine Nappa, Emmanuel Beck u Mariella Venanzi**

Il-Bord;

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art li jghid hekk:

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 4 ta' Frar 2000 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtotrita' kompetenti hija lesta biex thallas ghall-akkwist b'titolu ta' Dominju Pubbliku tal-fond 89 Triq San Pawl Marsa huwa ta' hdax il-Lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm11.86) kif jidher mir-rapport tal-Perit Mario Cilia A&CE tal-21 ta' Dicembru 1999 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim;

Illi b'ittra ufficjali tal-1 ta' Marzu 2000, l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettax il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' disa' u ghoxrin Lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm29.65);

Ghaldaqstant ir-rikkorent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghogbu jordna lill-intimat biex jittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' ta' Dominju Pubbliku l-fond fuq imsemmi jiffissa l-kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88)."

Ra l-ittra ufficjali tal-intimati bid-data tal-1 ta' Marzu 2000 (fol 23) li permezz taghha kienu ddikjaraw li ma kienux qed jaccettaw il-kumpens offert lilhom u li skond kif rakkomandat lilhom l-kumpens gust u adegwat ghandu jkun ta' Lm29.65 minn 1973 (llum ekwivalenti ghal €59.75)

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi din hija kawza dwar esproprju ta' fond konsistenti f'dar ta' abitazzjoni fil-Marsa senjatament wahda minn numru kbir ta' binjiet li kienu esproprijati sabiex tkun kostruwita Triq Dicembru 13 bejn il-Belt u l-Marsa u dan b'titolu ta' dominju pubbliku. Bhala kumpens ghal dan it-tehid l-Awtorita' tal-Art kienet offriet hlas ta' hdax-il lira maltin u sitta u tmenin centezmu fis-sena, llum ekwivalenti ghal €27.63 u dan bhala Kera ta' Gharfien. Mill-provi akkwiziti, jirrizulta illi dan il-fond kien jikkonsisti f'terran, bl-arja tappartjeni ukoll lis-sidien u fiha kienet toqghod omm l-

intimati izda fi zmien l-espropriju kien battal. Il-fond, kien esproprijat in forza ta’ dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali tas-27 ta’ Lulju 1973 kif jidher in atti u fl-14 ta’ Frar tas-sena 2000 id-Direttur tal-Art kien hareg Avviz ghall-Ftehim lill-intimati fejn offra l-kumpens kif inghad *supra* liema kumpens kien rifjutat bhala wiehed baxx.

Illi sabiex jassistu lill-Bord biex ikun raggunt valur gust tal-art esproprijata, kienu nominati zewg membri teknici li wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond ir-relazzjoni taghhom li hija annessa ma’ din is-sentenza:

Huma ikkunsidraw dana kollu, kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta). Jirrizulta illi l-kumpens illi offra ir-rikorrenti kien gie stabbilit permezz ta’ valutazzjoni tal-Perit Mario Cilia fil-kapacita’ tieghu bhala *Land Valuation Officer* u dana skond ic-certifikat datat 21 ta’ Dicembru 1999 esebit a fol 27. tal-process.

Bhala rizultat ta’ dan l-esponenti ma jistghux hlief jirrikonoxxu l-imsemmija valutazzjoni u jistabilixxu dan i-valur bhala il-kumpens li ghandu jithallas, pero jirrilevaw illi dan il-valur jista’ jizdied b’ghaxra fil-mija (10%) wara ghaxar snin, liema perjodu wasal biex jiskadi stante illi l-istima saret fl-1999.

Il-Bord jaghmel tieghu din il-konkluzzjoni u ghalhekk jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u qieghed jiffissa l-valur tal-Kera ta’ Gharfien bhala kumpens ghat-tehid b’titolu ta’ Dominju Pubbliku tal-fond numru 89 li kien jinsab fi Triq San Pawl, Marsa fil-valur ta’ seba u ghoxrin euro u sitta u tletin centezmu (Euro 27.63) kull sena mid-data ta’ tehid u cioe’ 18 ta’ Lulju 1973 sal-21 ta’ Dicembru 2009 liema rata ghandha tizdied b’ghaxra fil-mija (10%) mit-22 ta’ Dicembru 2009 ‘l quddiem kull sena u bl-imghax legali fuq is-somma kapitalizzata mit-18 ta’ Lulju 1973 sad-data tal-hlas effettiv. Jahtar lin-Nutar tad-Dipartiment tal-Art sabiex jippubblika l-Att relattiv fil-5 t’Ottubru 2011 fis-1.30pm fl-ufficcju tal-istess Nutar Pubbliku u jahtar lill-Avukat Dr. Daniela Mangion sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci

li ghandha tkun notifikata bin-nomina taghha u bl-appuntament ghall-pubblikazzjoni tal-att mir-rikorrenti;

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------